# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

5 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-400/10 PPU,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Supreme Court (l-Irlanda), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Awwissu 2010, fil-proċedura

**J. McB.**

vs

**L. E.,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász, T. von Danwitz u D. Šváby, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,
Reġistratur: L. Hewlett, Amministratur Prinċipali,

wara li rat it-talba tal-qorti tar-inviju li tissottometti r-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-proċedura b'urġenza, skont l-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura,

wara li rat id-deċiżjoni tal-11 ta' Awwissu 2010 tat-Tielet Awla li tilqa' din it-talba,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta'Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal J. McB., minn D. Browne, SC, u D. Quinn, BL, f'isem J. McDaid, solicitor,

— għal L. E., minn G. Durcan, SC, kif ukoll minn N. Jackson u S. Fennell, BL, f'isem M. Quirke, solicitor,

— għall-Irlanda, minn D. O'Hagan, bħala aġent, assistit minn M. MacGrath, SC, u N. Travers, BL,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Kemper, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A.-M. Rouchaud-Joët u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn J. McB, li huwa l-missier ta' tliet minuri, u L. E., li hija l-omm ta' dawn tal-aħħar, fir-rigward tar-ritorn ta' dawn il-minuri fl-Irlanda, li bħalissa jinsabu fl-Ingilterra ma' ommhom.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980*

3 L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar l-Aspetti Ċivili dwar il-Ħtif Internazzjonali tal-Minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag"), jipprovdi:

"Din il-Konvenzjoni għandha l-għan li:

a) tiżgura r-ritorn malajr ta' minuri li jkunu tneħħew jew inżammu illegalment f'xi Stat Kontraenti;

b) tiżgura li d-drittijiet ta' kustodja jew ta' aċċess taħt il-liġi ta' Stat Kontraenti jiġu rrispettati effettivament fl-Istati Kontraenti l-oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 3 tal-imsemmija konvenzjoni huwa fformulat kif ġej:

"It-tneħħija jew iż-żamma ta' minuri għandhom jitqiesu bħala illegali:

(a) meta dan ikun bi ksur tad-dritt ta' kustodja, vestit f'persuna, istituzzjoni jew korp ieħor, kemm singolarment, kif ukoll konġuntement, taħt il-liġi tal-Istat fejn il-minuri kien soltu joqgħod minnufih qabel it-tneħħija jew iż-żamma tiegħu, u

(b) fil-waqt tat-tneħħija jew taż-żamma dan id-dritt kien ġie eżerċitat, waħdu jew konġuntement, jew kien jiġi eżerċitat li kieku ma seħħewx tali ġrajjiet.

Id-dritt ta' kustodja imsemmi fis-subparagrafu (a) jista' b'mod partikolari joriġina *ipso jure*, permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew bis-saħħa ta' ftehim li jkollu effett legali skont il-liġi ta' dan l-Istat. [traduzzjoni mhux uffiċjali]."

5 L-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 huwa fformulat kif ġej:

"L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' Stat Kontraenti jistgħu, qabel ma jordnaw ir-ritorn tal-minuri, jitolbu li l-applikant jippreżenta deċiżjoni jew determinazzjoni oħra mill-awtoritajiet tal-Istat ta' residenza abitwali tal-minuri li tikkonstata li t-tneħħija jew iż-żamma kienet illegali fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, sa fejn dik id-deċiżjoni jew dik id-determinazzjoni tista' tinkiseb f'dan l-Istat. L-Awtoritajiet ċentrali tal-Istati Kontraenti għandhom jassistu sa fejn jistgħu lill-applikant sabiex jikseb tali deċiżjoni jew determinazzjoni. [traduzzjoni mhux uffiċjali]."

*Id-dritt tal-Unjoni*

6 Il-premessa 17 tar-Regolament Nru 2201/2003 jispjega:

"F'każijiet ta' tneħħija jew żamma nġusta [illegali] ta' minuri, ir-ritorn ta' l-minuri għandu jinkiseb mingħajr dewmien, u għal dan il-għan għandha tkompli tapplika l-[Konvenzjoni ta' Den Haag] kif kumplementata mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u partikolarrment l-Artikolu 11 […]"

7 Skont il-premessa 33 tal-imsemmi regolament:

"Dan ir-Regolament jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali u josserva l-prinċipji ta' l-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem il-'Karta']. B'mod partikolari, ifittex li jassigura r-rispett għad-drittijiet fondamentali ta' l-minuri kif stabbiliti fl-Artikolu 24 ta' l-[Karta]."

8 L-Artikolu 2(9) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi "drittijiet ta' kustodja" bħala li jinkludu "drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta'l-minuri".

9 L-Artikolu 2(11) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li t-"tneħħija nġusta [illegali] jew iż-żamma […] ta' l-minuri" hija illegali fejn:

"(a) hemm ksur ta' liġi tad-drittijiet ta' kustodja akkwistati permezz ta' sentenza jew b'operat ta' liġi jew b'xi fteħim li għandu effett legali taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma;

u

(b) iżda, f'dak iż-żmien tat-tneħħija jew iż-żamma, id-drittijiet ta' kustodja kienu attwalment eżerċitati, konġuntament jew unikament, jew kieku kienu ikunu hekk eżerċitati minħabba t-tneħħija jew iż-żamma. Il-kustodja se tiġi kkunsidrata biex tiġi eżerċitata konġuntament meta, skond sentenza jew b'operat ta' liġi, wieħed

mill-ġenituri li għandu jew għandha r-responsabbilità ma tistax tiddeċiedi dwar il-post ta' residenza ta' l-minuri mingħajr il-kunsens ta' persuna oħra li għandha r-responsabbilità ta' l-ġenitur."

10 L-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ir-Ritorn ta' l-minuri", jipprovdi:

"1. Fejn persuna, istituzzjoni jew xi korp ieħor li għandhom id-drittijiet ta' kustodja japplika ma' l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru biex joħroġu sentenza dwar il-bażi ta' l-[Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980] ħalli tikseb ir-ritorn ta' l-minuri li ġew inġustament [illegalment] imneħħija jew miżmuma fi Stat Membru barra dak li huwa l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta [illegali], għandhom japplikaw paragrafi 2 sa 8.

[…]

3. Qorti li fiha hemm applikazzjoni għar-ritorn ta' l-minuri kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha taġixxi bil-ħeffa fil-proċedimenti dwar l-applikazzjoni, billi tuża l-aktar proċedimenti ħfief fix-xogħol li huma disponibbli fil-liġi nazzjonali.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-qorti għandha, ħlief fejn ċirkustanzi eċċezzjonali jagħmlu dan impossibli, taqta' is-sentenza tagħha sa mhux aktar tard minn sitt gimgħat wara li l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata.

[…]

6. Jekk qorti ħarġet ordni kontra r-ritorn skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja [ta' den Haag] ta' l-1980, il qorti għandha immedjatament titrasmetti jew direttament jew mill-awtorità ċentrali tagħha, kopja ta' l-ordni ta' l-qorti [...] sabiex ma jsirx ir-ritorn u d-dokumenti rilevanti, u partikolarment traskrizzjoni tas-seduti quddiem il-qorti, lill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni jew lill-awtorità ċentrali fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta [illegali], kif determinati mil-liġi nazzjonali. Il-Qorti għandha tirċievi d-dokumenti kollha msemmija fi żmien xahar mid-data ta' l-ordni sabiex ma jsirx ir-ritorn.

7. Kemm-il darba il-qrati fl-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma nġusta [illegali] ġew diġa fil-pussess ta' wieħed mill-partijiet, il-qorti jew l-awtorità ċentrali li tirċievi l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 6 għandha tinnotifika lill-partijiet u tistedinhom jagħmlu s-sottomissjonijiet lill-qorti, skond il-liġi nazzjonali, fi żmien tlett xhur tad-data ta' notifika ħalli l-qorti tkun tista' teżamina l-kwistjoni ta' l-kustodja ta' l-minuri.

Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni li jinstabu f'dan ir-Regolament, il-qorti għandha tagħlaq il-każ jekk ebda sottomissjoni ma tiġi reġistrata mill-qorti fiż-żmien limitu.

8. Minkejja sentenza biex ma jsirx ir-ritorn skond l-Artikolu 13 ta' l-Konvenzjoni ta' l-Aja [ta' Den Haag] ta' l-1980, kwalunkwe sentenza li tiġi wara li tirrekjedi r-ritorn ta' l-minuri maħruġa minn qorti li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament għandha tkun infurzabbli skond it-Taqsima 4 ta' l-Kapitolu III li tinstab aktar l-isfel ħalli jiġi tassigurat ir-ritorn ta' l-minuri."

11 L-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Relazzjonijiet ma' ċerti konvenzjonijiet multilaterali", huwa fformulat kif ġej:

"Fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jieħu preċedenza fuq il-konvenzjonijiet li ġejjin dement li jkunu jikkonċernaw kwistjonijiet li huma rregolati minn dan ir-Regolament:

[…]

(e) il-[Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980]".

12 L-Artikolu 62 tal-imsemmi regolament, intitolat "L-Iskop ta' l-effetti", jipprovdi fil-paragrafu 2:

"Il-Konvenzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 60, u partikolarment il-Konvenzjoni ta' l-Aja [ta' Den Haag] ta' l-1980, ikomplu jipproduċu l-effetti bejn l-Istati Membri li huma parti fihom, skond l-Artikolu 60."

*Id-dritt nazzjonali*

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fid-dritt Irlandiż, il-missier naturali tal-minuri ma jgawdix *ipso jure* minn dritt ta' kustodja. Barra minn hekk, il-fatt li l-ġenituri mhux miżżewġa jikkoabitaw u l-missier kien involut b'mod attiv fl-edukazzjoni tal-minuri ma jippermettix, fih innifsu, tali dritt lill-missier.

14 Madankollu, skont l-Artikolu 6A tal-Liġi tal-1964 dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Guardianship of Infants Act 1964), kif emendata bl-Artikolu 12 tal-Liġi tal-1987 dwar l-istatus tal-minuri (Status of Cildren Act 1987), "fejn il-missier u omm ma humiex miżżewġin lil xulxin, il-qorti tista', fuq talba tal-missier, permezz ta' digriet taħtar tutur tal-minuri."

15 L-Artikolu 11(4) tal-Liġi tal-1964 dwar it-tutela ta' minuri, kif emendata bl-Artikolu 13 tal-Liġi tal-1987 dwar l-istatus tal-minuri, jipprovdi:

"Fil-każ ta' minuri li l-missier u l-omm ma humiex miżżewġin lil xulxin, id-dritt li, taħt dan l-artikolu, tiġi introdotta talba sew għall-kustodja tal-minuri kif ukoll għad-dritt ta' aċċess ta' missieru jew ta' ommu jestendi għall-missier li ma jkunx it-tutur tal-minuri u, għal dan il-għan, ir-riferimenti magħmula minn dan l-artikolu għall-missier jew għall-ġenitur ta' minuri għandhom jiġu interpretati bħala li jinkluduh."

16 Il-Liġi tal-1991 dwar il-ħtif tal-minuri u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ta' kustodja (Child Abduction and Enforcement of Custody Orders Act 1991), kif emendat bir-Regolament tal-2005 adottat fil-kuntest tal-Komunitajiet Ewropej (sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u responsabbiltà tal-ġenituri) [European Communities (Judgements in Matrimonial Affairs and Matters of Parental Responsibility) Regulations 2005], jipprovdi fl-Artikolu 15 tiegħu:

"Il-qorti tista', fuq rikors li jsir għall-finijiet tal-Artikolu 15 tal-[Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980], minn persuna li l-qorti tqis li għandha interess fil-kwistjoni, tagħmel dikjarazzjoni li t-tneħħija ta' kwalunkwe minuri mill-Istat jew iż-żamma tiegħu barra mill-Istat kienet:

a) fil-każ ta' tneħħija jew żamma fi Stat Membru, tikkostitwixxi tneħħija jew żamma illegali fis-sens tal-Artikolu 2 [tar-Regolament], jew

b) kien, fi kwalunkwe każ, illegali, fis-sens tal-Artikolu 3 tal-[Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980]."

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

*Iċ-ċirkustanzi fattwali li taw lok għall-kawża prinċipali*

17 Mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rikorrent fil-kawża prinċipali J. McB., ta' nazzjonalità Irlandiża, u l-konvenuta fl-istess proċeduri, L. E., ta' nazzjonalità Brittanika, li ffurmaw koppja mhux miżżewġa, għexu flimkien għal iktar minn għaxar snin fl-Ingilterra, fl-Awstralja, fl-Irlanda ta' Fuq u, minn Novembru 2008, fl-Irlanda. Flimkien, huma kellhom tlett itfal, jiġifieri J., imwieled fl-Ingilterra fil-21 ta' Diċembru 2000, E., imwieled fl-Irlanda ta' Fuq fl-20 ta' Novembru 2002, u J. C., imwielda fl-Irlanda ta' Fuq fit-22 ta' Lulju 2007.

18 Peress li r-relazzjoni bejn il-ġenituri ddeterjorat fl-aħħar tal-2008 u fil-bidu tal-2009, l-omm, li b'mod partikolari allegat li kienet ġiet aggredita mill-missier, ħarbet diversi drabi, flimkien mal-minuri tagħha, f'dar ta' kenn għan-nisa. F'April 2009, iż-żewġ ġenituri rrikonċiljaw u ddeċidew li jiżżewġu fl-10 ta' Ottubru 2009. Madankollu, il-missier skopra, fil-11 ta' Lulju 2009, meta rritorna minn vjaġġ marbut ma' negozju fl-Irlanda ta' Fuq, li l-omm reġgħet telqet mid-dar tal-familja mal-minuri tagħha sabiex tgħix fl-imsemmija dar tal-kenn.

19 Fil-15 ta' Lulju 2009, l-avukati tal-missier ifformulaw, fuq talba tiegħu, rikors promotur quddiem il-qorti Irlandiża li għandha ġurisdizzjoni, jiġifieri d-District Court, sabiex jinkiseb id-dritt ta' kustodja tat-tliet minuri tiegħu. Madankollu, fil-25 ta' Lulju 2009,

l-omm marret bl-ajruplan għall-Ingilterra, u ħadet magħha lit-tliet minuri msemmija hawn fuq, kif ukoll it-tifel l-ieħor tagħha, ta' età ikbar, imwieled minn relazzjoni preċedenti. F'dak iż-żmien, l-imsemmi rikors ma kienx ġie nnotifikat lill-omm, b'tali mod li, skont id-dritt proċedurali Irlandiż, l-azzjoni ma ġietx debitament ippreżentata u l-qorti Irlandiża għaldaqstant ma kellhiex konjizzjoni tagħha.

*Il-proċeduri mibdija mill-missier fl-Ingilterra*

20 Fit-22 ta' Diċembru 2009, J. McB ippreżenta rikors quddiem il-High Court of Justice (England & Wales), Family Division (ir-Renju Unit) sabiex jikseb ir-ritorn tal-minuri fl-Irlanda skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u tar-Regolament Nru 2201/2003. Permezz ta' digriet tal-20 ta' Novembru 2009, din il-qorti talbet lill-missier, skont l-Artikolu 15 tal-istess konvenzjoni, sabiex jipproduċi deċiżjoni jew determinazzjoni mill-awtoritajiet Irlandiżi li tikkonstata li t-tneħħija tal-minuri kienet illegali fis-sens tal-Artikolu 3 tal-imsemmija konvenzjoni.

*Il-proċeduri mibdija mill-missier fl-Irlanda*

21 Fit-22 ta' Diċembru 2009,. J. McB. ippreżenta rikors quddiem il-High Court (l-Irlanda) sabiex jikseb, minn naħa, deċiżjoni jew determinazzjoni li tikkonstata li t-tneħħija tat-tliet minuri tiegħu, fil-25 ta' Lulju 2009, kienet illegali fis-sens tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u, min-naħa l-oħra, dritt ta' kustodja.

22 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' April 2010, l-imsemmija High Court ċaħdet l-ewwel talba, peress li l-missier ma kellu ebda dritt ta' kustodja fuq il-minuri fiż-żmien tat-tneħħija tagħhom, b'tali mod li din ma kinitx illegali taħt il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 jew taħt ir-Regolament Nru 2201/2003.

23 Il-missier appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, din il-qorti tosserva li l-missier ma kellu l-ebda dritt ta' kustodja fir-rigward tal-minuri tiegħu fil-25 ta' Lulju 2009, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Madankollu, hija tosserva li l-kunċett ta' "drittijiet ta' kustodja" huwa issa ddefinit għall-finijiet tat-talbiet għar-ritorn tal-minuri minn Stat Membru għal ieħor abbażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, fl-Artikolu 2(9) tal-imsemmi regolament.

24 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li la d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 u lanqas dawk tal-Artikolu 7 tal-Karta ma jimplikaw li l-missier naturali tat-tfal għandu neċessarjament jiġi kkunsidrati bħala li għandu dritt ta' kustodja tagħhom, għall-finijiet tad-determinazzjoni tan-natura illegali jew le tat-tneħħija tal-minuri, fin-nuqqas ta' sentenza li ttih dak id-dritt. Madankollu, hija tirrikonoxxi li l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Supreme Court iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja:

"Ir-[Regolament Nru2201/2003] interpretat b'mod konformi mal-Artikolu 7 tal-[Karta] jew b'mod ieħor, jipprekludi li l-liġi ta' Stat Membru teħtieġ li l-missier ta' wild li ma huwiex miżżewweġ ma' omm il-wild jikseb mingħand il-qorti kompetenti deċiżjoni li tafdalu l-kustodja ta' dan il-wild sabiex jiġi kkunsidrat li għandu 'drittijiet

ta' kustodja' li jirrendu t-tneħħija tal-wild barra mill-pajjiż ta' residenza abitwali illegali għall-finijiet tal-Artikolu 2(11) ta' dan ir-Regolament?"

**Fuq il-proċedura b'urġenza**

26 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza msemmija fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

27 Hija mmotivat din it-talba billi sostniet li, skont il-premessa 17 tar-Regolament Nru 2201/2003, fil-każ ta' tneħħija illegali ta' minuri, ir-ritorn tal-istess minuri għandu jseħħ mingħajr dewmien.

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din il-kawża tirrigwarda tliet minuri, ta' etajiet ta' 3, 7 u 9 snin rispettivament, li ilhom separati minn missierhom għal iktar minn sena. Peress li huma involuti minuri f'età żgħira, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżgħar waħda minnhom, il-kontinwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tagħhom tista' taffettwa serjament ir-relazzjonijiet tagħhom ma' missierhom.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-11 ta' Awwissu 2010, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinstema' bil-proċedura b'urġenza.

## Fuq id-domanda preliminari

*Fuq l-ammissibbiltà*

30 Il-Kummissjoni Ewropea tistaqsi dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari u l-Gvern Ġermaniż isostni li din hija inammissibbli. Huma jossservaw, essenzjalment, li l-kawża prinċipali ma tirrigwardax ir-ritorn tal-minuri, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2203, iżda l-ksib, qabel ir-ritorn, ta' deċiżjoni li tikkonferma n-natura illegali tat-tneħħija tal-minuri skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Din il-kawża tirrigwarda, b'hekk, il-kwistjoni dwar jekk it-tneħħija tal-minuri hijiex legali mhux fis-sens tal-Artikolu 2(11) tal-imsemmi regolament, iżda fis-sens tal-Artikoli 1 u 3 tal-imsemmija konvenzjoni. Fil-fatt, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ressaq quddiem il-qrati Irlandiżi talba sabiex dawn l-istess qrati jagħtu deċiżjoni jew determinazzjoni li tiddikjara li t-tneħħija jew iż-żamma tal-minuri tiegħu kienet illegali fis-sens tal-Artikolu 3 tal-imsemmija konvenzjoni. Huwa kien għamel din it-talba minħabba l-fatt li l-High Court of Justice (England & Wales), Family Division, talbuh jikseb tali deċiżjoni jew determinazzjoni skont l-Artikolu 15 ta' din il-konvenzjoni.

31 Madankollu, ir-Regolament Nru 2201/2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu ma jirrigwardawx il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 dwar il-konstatazzjoni tan-natura illegali tat-tneħħija ta' minuri, iżda biss dik dwar ir-ritorn tiegħu. B'hekk, l-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament isir rilevanti biss wara l-għeluq tal-proċedura taħt l-Artikolu 15 tal-imsemmija konvenzjoni u ladarba l-proċedura għar-ritorn tal-minuri tkun inbdiet, hekk li d-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju tkun prematura.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma biss il-qrati nazzjonali li quddiemhom tressaq il-każ li għandhom jassumu r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li jintervjenu li għandhom jevalwaw, fir-rigward tal-partikolaritajiet ta' kull kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari biex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu s-sentenza tagħhom kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li huma jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-30 ta' Novembru 2006, Brünsteiner u Autohaus Hilgert, C-376/05 u C-377/05, Ġabra p. I-11383, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola ġenerali, marbuta li tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; u tal-1 ta' Ottubru 2009, Gottwald, C-103/08, Ġabra p. I-9117, punt 16).

34 Minn dan isegwi li l-preżunzjoni ta' rilevanza li hija marbuta mad-domandi preliminari magħmula mill-qrati nazzjonali tista' tiġi eskluża f'każijiet eċċezzjonali biss u, b'mod partikolari, meta jkun manifestament ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni kkunsidrati f'dawn id-domandi ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Gottwald, iċċitata iktar 'il fuq, punt 17, u tat-22 ta' April 2010, Dimos Agios Nikolaos, C-82/09, Ġabra p. I-3649, punt 15).

35 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li teħtieġ interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, u b'mod partikolari tal-Artikolu 2(11), sabiex tiddeċiedi dwar it-talba li għandha quddiemha, intiża sabiex hija tagħti deċiżjoni jew determinazzjoni li tikkonstata li t-tneħħija jew iż-żamma tal-minuri inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet illegali. Barra minn hekk, mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, jiġifieri l-Artikolu 15 tal-liġi tal-1991 dwar il-ħtif tal-minuri u dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ta' kustodja, kif emendata mir-regolament tal-2005 adottat fil-kuntest tal-Komunitajiet Ewropej (sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri), jirriżulta li, fil-każ ta' tneħħija ta' minuri lejn Stat Membru ieħor, il-qorti nazzjonali għandha tiddeċiedi fuq il-legalità tat-tneħħija ta' minuri fir-rigward

tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 meta rikorrent jitlobha tagħti tali deċiżjoni jew determinazzjoni skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

36 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 2201/2003, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, dan ir-regolament jipprevali fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 sa fejn dan tal-aħħar jirrigwarda kwistjonijiet irregolati minn dan ir-regolament. B'riżerva għas-supremazija ta' dan ir-regolament, din il-konvenzjoni tkompli tipproduċi l-effetti tagħha bejn l-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tagħha, fl-osservanza tal-imsemmi Artikolu 60, skont l-Artikolu 62(2) tal-imsemmi regolament, u kif iddikjarat fil-premessa 17 tiegħu. Għaldaqstant, il-ħtif ta' minuri minn Stat Membru lejn ieħor issa jaqa' taħt sett ta' regoli stabbiliti mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, hekk kif issupplimentati minn dawk tar-Regolament Nru 2201/2003, peress li huma dawn tal-aħħar li għandhom jipprevalu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament.

37 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li l-interpretazzjoni mitluba mill-qorti tar-rinviju hija irrilevanti fir-rigward tad-deċiżjoni li din il-qorti qed tintalab li tagħti.

38 Konsegwentement, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

39 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 2201/2203 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li d-dritt ta' Stat Membru jissuġġetta l-akkwist tad-dritt ta' kustodja mill-missier ta' minuri, li ma huwiex miżżewweġ

mal-omm tal-istess minuri, għall-ksib mill-missier ta' deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni li tagħtih tali dritt ta' kustodja, li tista' tirrendi illegali, fissens tal-Artikolu 2(11) ta' dan ir-regolament, it-tneħħija tal-minuri minn ommu jew iż-żamma tiegħu.

40 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(9) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi d-"drittijiet ta' kustodja" bħala li jinkludu "d-drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta'l-minuri".

41 Sa fejn il-kunċett ta' "drittijiet ta' kustodja" huwa hekk iddefinit mir-Regolament Nru 2201/2003, dan huwa awtonomu meta mqabbel mad-dritt tal-Istati Membri. Fil-fatt, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni ta' dan id-dritt li ma tinvolvi ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tagħha, għandhom normalment ikollhom, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha tiġi mfittxija billi jitqies il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Kozłowski, C-66/08, Ġabra p. I-6041, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-istess regolament, id-dritt ta' kustodja jinkludi, fi kwalunkwe każ, id-dritt tal-persuna li għandu dan dan id-dritt li jiddeċiedi l-post ta' residenza tal-minuri.

42 Kwistjoni kompletament separata hija dik tal-identità tal-persuna li għandha d-dritt ta' kustodja. F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 2(11)(a) tal-imsemmi regolament jirriżulta li n-natura illegali jew le tat-tneħħija ta' minuri tiddependi mill-eżistenza ta' "drittijiet ta' kustodja akkwistati permezz ta' sentenza jew b'operat ta' liġi jew b'xi fteħim li għandu effett legali taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-minuri kienu abitwalment residenti mmedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma".

43 Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 2201/2003 ma jistabbilixxix min hija l-persuna li għandha jkollha dritt ta' kustodja li jista' jrendi illegali t-tneħħija ta' minuri fis-sens tal-Artikolu 2(11) tiegħu, iżda jirreferi għal-liġi tal-Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma tiegħu fir-rigward tal-identità tal-persuna li għandha d-dritt ta' kustodja. B'hekk, huwa d-dritt ta' dan l-Istat Membru li għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom il-missier naturali jakkwista d-dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 2(9) tal-imsemmi regolament, jekk ikun il-każ billi jissuġġetta l-akkwist ta' dan id-dritt għal sentenza tal-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni li tagħti dan id-dritt.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li n-natura illegali tat-tneħħija ta' minuri għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament jiddependi esklużivament fuq l-eżistenza ta' dritt ta' kustodja, mogħti mid-dritt nazzjonali applikabbli, li bi ksur ta' dan seħħet it-tneħħija.

45 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq il-punt dwar jekk il-Karta, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha, għandhiex impatt fuq din l-interpretazzjoni tal-imsemmi regolament.

46 Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali jikkontesta l-fatt li t-tneħħija ta' minuri minn omm l-istess minuri mingħajr ma jkun jaf il-missier naturali tiegħu ma hijiex illegali taħt il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 u r-Regolament Nru 2201/2003, filwaqt li l-missier kien għex mal-minuri tiegħu, kif ukoll mal-omm tal-minuri mingħajr ma kienu miżżewġin, u li huwa kien ħa sehem attivament fit-trobbija tal-minuri.

47 Fil-fehma tiegħu, l-interpretazzjoni tal-imsemmi regolament spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza tista' twassal għal sitwazzjoni li ma tkunx kompatibbli la mad-dritt tiegħu għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta kif ukoll fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet

tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), u lanqas mad-drittijiet tal-minuri, stabbiliti fl-Artikolu 24 tal-istess Karta. Għall-finijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, id-"drittijiet ta' kustodja" għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali dritt ikun akkwistat *ipso jure* minn missier naturali f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar jew il-minuri tiegħu jgħixu ħajja tal-familja identika għal dik ta' familja mibnija fuq iż-żwieġ. Li kieku din l-interpretazzjoni ma kellhiex tiġi aċċettata, id-dritt "potenzjali" tal-missier, li jippermettilu li jressaq talba quddiem il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni u, jekk ikun il-każ, li jikseb dritt ta' kustodja, jista' jiġi mċaħħad minn kull effett minn atti mwettqa mill-omm unilateralment u mingħajr ma jkun jaf il-missier. Issa, l-effettività tad-dritt li titressaq tali talba għandha tkun protetta b'mod xieraq.

48 Il-qorti tar-rinviju tindika li, fid-dritt Irlandiż, il-missier naturali ma għandux id-dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu, ħlief jekk dan id-dritt jingħata lilu permezz ta' ftehim konkluż bejn il-ġenituri jew permezz ta' deċiżjoni tal-qorti, għalkemm tali dritt ta' kustodja jappartjeni *ex ufficio* lill-omm mingħajr in-neċessità li jingħata lilha.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-missier naturali u tal-minuri tiegħu jipprekludix l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza.

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tat-TUE, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta, "li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati".

51 Qabel kollox, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw, skont l-Artikolu 51(1) tiegħu, għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 51(2), il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni, u lanqas "ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu

ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati". B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tinterpreta, fid-dawl tal-Karta, id-dritt tal-Unjoni fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha.

52 Minn dan isegwi li, fil-kuntest ta' din il-kawża, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-Karta għall-finijiet biss tal-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, mingħajr ma ssir evalwazzjoni tad-dritt nazzjonali fih innifsu. B'mod iktar partikolari dan jirrigwarda l-verifika dwar jekk id-dispożizzjonijiet tal-Karta jipprekludux l-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza, billi jittieħed inkunsiderazzjoni b'mod partikolari r-riferiment għad-dritt nazzjonali li din l-interpretazzjoni timplika.

53 Barra minn hekk, mill-Artikolu 52(3) tal-Karta jirriżulta li, sa fejn din il-Karta tinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, is-sens u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-istess KEDB. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix li d-dritt tal-Unjoni jagħti protezzjoni iktar estensiva. Skont l-Artikolu 7 tal-istess Karta "[k]ull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha". Il-formulazzjoni tal-Artikolu 8(1) tal-KEDB hija identika għal dik tal-imsemmi Artikolu 7, ħlief sa fejn tuża t-termini "korrispondenza tagħha" minflok "kommunikazzjonijiet tagħha". Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 7 jinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 8(1) tal-KEDB. Għandu għaldaqstant jingħata lill-Artikolu 7 tal-Karta l-istess sens u l-istess portata bħal dawk mogħtija lill-Artikolu 8(1) tal-KEDB, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Frar 2008, Varec, C-450/06, Ġabra p. I-581, punt 48).

54 Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà eżaminat kawża li l-fatti tagħha kienu simili għal dawk tal-kawża prinċipali, fejn il-minuri ta' koppja mhux miżżewġa kien ittieħed fi Stat ieħor minn ommu, li hija biss kellha l-awtorità ta' ġenituri fuq

il-minuri. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet, essenzjalment, li leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti, *ipso jure*, l-awtorità ta' ġenituri fir-rigward ta' tali minuri biss lill-omm ta' dan il-minuri ma hijiex kuntrarja għall-Artikolu 8 tal-KEDB kif interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, sa fejn hija tippermetti lill-missier tal-minuri, li ma għandux l-awtorità ta' ġenituri, li jitlob lill-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni temenda l-għoti ta' din l-awtorità (Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deċiżjoni Guichard vs Franza tat-2 ta' Settembru 2003, *Ġabra ta' sentenzi u deċiżjonijiet* 2003-X; ara wkoll, f'dan is-sens, id-deċiżjoni Balbontin vs Ir-Renju Unit, tal-14 ta' Settembru 1999, rikors Nru 39067/97).

55 Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, sabiex tiġi ddeterminata n-natura legali tat-tneħħija ta' minuri, li jittieħed fi Stat Membru ieħor minn ommu, il-missier naturali ta' dan il-minuri għandu jkollhu d-dritt li jitlob li jmur quddiem il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni, qabel it-tneħħija tiegħu, sabiex jitlob li jingħata dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu, u dan jikkostitwixxi l-essenza stess tad-dritt tal-missier naturali għal ħajja privata u tal-familja fit-tali kuntest.

56 Fil-fatt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet ukoll li leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tagħti ebda possibbiltà lill-missier naturali li jikseb il-kustodja tal-minuri tiegħu fin-nuqqas ta' qbil mal-omm tikkostitwixxi diskriminazzjoni mhux iġġustifikata kontra l-missier u għalhekk tikser l-Artikolu 14 tal-KEDB, moqri flimkien mal-Artikolu 8 tagħha (Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Zaunegger vs Il-Ġermanja, tat-3 ta' Diċembru 2009, rikors Nru 22028/04, § 63 u 64).

57 Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-missier naturali ma għandux, b'mod differenti mill-omm, id-dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jaffettwax il-kontenut essenzjali tad-dritt tiegħu għall-ħajja privata u tal-familja, sa fejn id-dritt stabbilit fil-punt 55 ta' din is-sentenza huwa mħares.

58 Din il-konstatazzjoni ma hijiex invalidata mill-fatt li, fin-nuqqas ta' passi meħuda minn tali missier f'waqthom sabiex jikseb dritt ta' kustodja, huwa ma għandu ebda possibbiltà, fil-każ ta' tneħħija tal-minuri lejn Stat Membru ieħor minn ommu, li jikseb ir-ritorn ta' dan il-minuri fl-Istat Membru fejn hemm ir-residenza abitwali preċedenti tiegħu. Fil-fatt, tali tneħħija tirrappreżenta l-eżerċizzju legali, mill-omm li għandha l-kustodja tal-minuri, tad-dritt tagħha għall-moviment liberu, stabbilit fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE u fl-Artikolu 21(1) TFUE, u tad-dritt tagħha li tiddetermina l-post ta' residenza tal-minuri, mingħajr ma dan iċaħħad lill-missier naturali mill-possibbiltà li jeżerċita d-dritt tiegħu li jressaq talba sabiex sussegwentement jikseb id-dritt ta' kustodja ta' dan il-minuri jew dritt ta' aċċess għal dak l-istess minuri.

59 B'hekk, ir-rikonoxximent, lill-missier naturali, ta' dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament Nru 2201/2003, minkejja n-nuqqas tal-għoti ta' tali dritt skont id-dritt nazzjonali, ikun inkompatibbli mar-rekwiżiti ta' ċertezza legali kif ukoll mal-protezzjoni neċessarja tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, f'dan il-każ dawk tal-omm. Soluzzjoni bħal din tista', barra minn hekk, tikser ukoll l-Artikolu 51(2) tal-Karta.

60 Għandu jitfakkar ukoll li l-Artikolu 7 tal-Karta, imsemmi mill-qorti tar-rinviju fid-domanda tagħha, għandha tinqara flimkien mal-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aħjar interess tal-minuri, rikonoxxut fl-Artikolu 24(2) tal-imsemmija Karta, u billi jittieħed inkunsiderazzjoni d-dritt fundamentali tal-minuri li jkollu, fuq bażi regolari, relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri tiegħu, imsemmi fl-Artikolu 24(3) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 58). Barra minn hekk, mill-premessa 33 tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta li dan jirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji stabbiliti mill-Karta billi jħares, b'mod partikolari, li jiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-minuri, kif stabbiliti fl-Artikolu 24 tagħha. B'hekk, id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament ma jistgħux jiġu interpretati b'tali mod li jmorru kontra l-imsemmi dritt fundamentali li l-osservanza tiegħu hija

bla dubju marbuta mal-aħjar interessi tal-minuri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Detiček, C-403/09 PPU, Ġabra p. I-12193, punti 53 sa 55).

61 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi mistħarreġ ukoll jekk l-Artikolu 24 tal-Karta, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tiegħu, jipprekludix l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 kif spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza.

62 Għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan ir-rigward, id-diversità kbira ta' relazzjonijiet barra ż-żwieġ u d-diversità tar-relazzjonijiet li jirriżultaw bejn il-ġenituri u l-minuri tagħhom, liema diversità tissemma mill-qorti nazzjonali fid-deċiżjoni tagħha tar-rinviju, li jirriżulta f'rikonoxximent differenti tal-portata u tal-qsim tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri fi ħdan l-Istati Membri. B'hekk, l-Artikolu 24 tal-Karta għandu jiġu interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, għall-finijiet tal-applikazzjon tar-Regolament Nru 2201/2003, id-dritt ta' kustodja jingħata, bħala prinċipju, esklużivament lill-omm u li l-missier naturali għandu dritt ta' kustodja biss abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti. Tali rekwiżit jippermetti, fil-fatt, lill-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni, sabiex tiddeċiedi dwar id-dritt ta' kustodja tal-minuri, kif ukoll dwar id-drittijiet ta' aċċess għall-istess minuri, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzzjoni l-informazzjoni kollha rilevanti, bħal dik imsemmija mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari ċ-ċirkustanzi madwar it-twelid tal-minuri, in-natura tar-relazzjoni bejn il-ġenituri, dik bejn kull ġenitur u l-minuri, kif ukoll id-disponibbiltà ta' kull ġenitur li jieħu r-responsabbiltà tal-kustodja. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-fatti huwa tali li jipproteġi l-aħjar interessi tal-minuri, skont l-Artikolu 24(2) tal-Karta.

63 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta ma jipprekludux l-interpretazzjoni tar-regolament spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza.

64 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li r-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix

li d-dritt ta' Stat Membru jissuġġetta l-akkwist ta' dritt ta' kustodja mill-missier ta' minuri, mhux miżżewweġ mal-omm ta' dan tal-aħħar, għal-kisba mill-missier ta' deċiżjoni mill-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni li tagħtih tali dritt, li jista' jirrendi illegali, fis-sens tal-Artikolu 2(11) ta' dan ir-regolament, it-tneħħija tal-minuri minn ommu jew iż-żamma tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li d-dritt ta' Stat Membru jissuġġetta l-akkwist ta' dritt ta' kustodja mill-missier ta' minuri, mhux miżżewweġ mal-omm ta' dan tal-aħħar, għall-kisba mill-missier ta' deċiżjoni mill-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni li tagħtih tali dritt, li jista' jirrendi illegali, fis-sens tal-Artikolu 2(11) ta' dan ir-regolament, it-tneħħija tal-minuri minn ommu jew iż-żamma tiegħu.**

Firem